MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GINO CAMILLERI**

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2006

Citazzjoni Numru. 584/1998/1

**Raymond Mallia f'ismu proprju u ghan-nom u in rappresentanza tas-socjetajiet Blye Engineering Co Ltd u United A C Ltd**

**vs**

**Dr. Nives Grixti u PL Helga Ellul Mercer li b'digriet tad-9 ta' Marzu 1999 gew nominati kuraturi biex jirrapresentaw lill-assenti Leif Benettsson u Petra Jurgens**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-atturi ppremettew :-

Illi l-konvenut Leif Benettsson kien ilu jahdem ghal dawn l-ahhar sentejn mas-socjetajiet atturi bhala konsulent 'full-time' izda l-impieg tieghu gie terminat ghal-raguni valida fi Frar 1998;

Illi l-istess Leif Benettsson kien jikkoabita mal-konvenuta l-ohra Petra Jurgens f'appartament proprjeta tas-socjeta attrici Byle Engineering Co Ltd., fl-indirizz Flat 11, Blue Sky Flats, Triq Mikiel Abela, Birzebbugia, liema appartament kien gie ammobbiljat b'ghamara u "ppliances" godda a spejjes tal-istess socjeta;

Illi matul iz-zmien li damu jokkupaw l-imsemmi appartament, l-konvenuti bidlu xi bcejjec mill-ghamara fuq riferita b'ghamara ohra mixtrija a spejjes taghhom, pero wara t-terminazzjoni tal-impieg tal-konvenut Leif Benettsson, il-konvenuti telqu minn Malta u hallew l-imsemmi appartament vojt, bla ebda ghamara jew 'appliances';

Illi dan l-agir abusiv ikkawza danni konsiderevoli lis-socjeta attrici "Byle Engineering Co Ltd" li tilfet mhux biss l–ghamrara u l-appliances li kienu gol-appartament fuq riferit, izda wkoll l-opporunita li tikri appartament bhala 'furnished' b'telf kbir ta' kera;
Illi l-konvenuta Petra Jurgens ila zmien taghti malafama kemm lill-attur personalment u kemm lis-socjetajiet atturi minnu rappresentati u b'hekk ikkawzat u ghandha tikkawza danni konsiderevoli lill-istess atturi;

Ili l-kovenut Leif Benettsson, fl-ahar xahrejn tal-impieg tieghu u bil-mohbi, kien qieghed jaghti kuntratti ghall-esportazzjoni ta' 'air-conditioners' bi prezz hafna inqas minn dak awtorizzat mis-socjeta attrici United A C Ltd. u b'hekk ikkawza danni konsiderevoli ohra lill-istess socjeta;

Ghalhekk l-atturi talbu li l-konvenuti jghidu ghaliex dina l-Qorti m'ghandhiex:-

Tiddikjara li l-konvenuti ma kelhom ebda dritt li jippussessaw ruhhom u jiddisponu mill-ghamara u l-‘appliances’ li kienu gol-appartament Flat 11, Blue Sky Flats, Triq Mikiel Abela, Birzebbugia u li ghalhekk huma responsabbli ghad-danni li sofriet is-socjeta attrici Blye Engineeting Co Ltd. tort tal-misapproprjazzjoni ta’ dawn l-oggetti mobili kif fuq spegat;

Tillikwida, jekk hemm bzonn bl-opra ta’ periti nominandi, id-danni sofferti mis-socjeta attrici Blye Engineering Co. Ltd. bit-telf tal-ghamara u ‘appliances’ in kwistjoni;

Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta Blye Engeneering Co. Ltd. id-danni hekk likwidati;

Tiddikjara li l-konvenuta Petra Jurgens responsabbli ta’ malafama u tad-danni konsegwenzjali fil-konfront tal-attur Raymond Mallia u tas-socjetajiet l-ohra atturi;

Tillikwida jekk hemm bzonn l-opra ta’ periti nominandi, id-danni sofferti mill-atturi bhala rizultat tal-malafama in kwistjoni;

Tikkundanna lill-konvenuta Petra Jurgens thallas lill-atturi d-danni hekk likwidati;

Tiddikjara li l-konvenut Leif Benettsson ma kellu ebda dritt li, bil-mohbi u kontra dak li gie deciz mis-socjeta United AC Ltd., jaghti kuntratti ghall-esportazzjoni ta’ air-conditioners bi prezz hafna inqas minn dak stabilit mill-istess socjeta u li dan l-agir abusiv l-istess konvenut irrenda ruhu responsabbli ghand-danni konsegwenzjali li sofriet u ghadha ssofri s-socjeta United AC Ltd.;

Tillikwida jekk hemm bzonn bl-opra ta’ periti nominandi id-danni li sofriet is-socjeta attrici United AC Ltd. bhala

rizultat tal-ghoti da parti tal-konvenut Leif Benettsson tal-imsemmijin kuntratti bi prezz inferjuri ghal dak awtorizzat;

Tikkundanna lill-konvenut Leif Benettsson ihallas lis-socjeta attrici AC Ltd. id-danni hekk likwidati f'dan il-kuntest;

Bl-imghax legali u bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 846/98 MI u tal-mandat ta' qbid kawtelatorju kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tal-atturi debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghhom;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti kuraturi deputati nomine fejn gie eccepit illi l-eccipjenti mhumiex edotti mill-fatti tal-kaz u ghalhekk jirriservaw li jressqu l-eccezzjonijiet taghhom fi stadju ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti kuraturi deputati debitament konfermati bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghhom;

Rat l-affidavit tal-attur Raymond Mallia;

Rat l-affidavits presentati mill-atturi;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenbti esibiti;

Rat li l-kawza giet differita ghas-sentenza fuq talba tal-atturi;

Ikkonsidrat:

Din il-kawza qed issir minn Raymond Mallia u mis-socjetajiet Blye Engineering Co Ltd u United A C Ltd kontra l-assenti Leif Benettsson u Petra Jurgens;

Fic-citazzjoni l-atturi jippremettu li l-imsemmi konvenut Leif Benettsson kien konsulent “full-time“ mas-socjetajiet atturi u dan l-impieg gie terminat fi Frar 1998. L-istess konvenut kien jikkoabita mal-konvenuta l-ohra Petra Jurgens f’appartament ammobiljat gewwa Birzebbugia proprjeta tas-socjeta attrici Byle Engineering Co Ltd. Fl-appartament kien hemm ghamara u “appliances” godda appartenetnti lill-istess socjeta attrici. Waqt li kienu f’dan l-appartament il-konvenuti bidlu xi bcejjec mill-ghamara fuq indikata. Wara –imsemmija terminazzjoni tal-impieg, il-konvenuti telqu minn Malta u hallew l-imsemmi appartament kompletament vojt. Dana kollu kkawza danni konsiderevoli lis-socjeta attrici “Byle Engineering Co Ltd” li tilfet ukoll l-opporunita li tikri l-appartament bhala ammobiljat b’telf ta’ kera. L-atturi jippremettu ukoll li l-konvenuta Petra Jurgens tat malafama lill-atturi kollha u b’hekk ikkawzat danni konsiderevoli lill-istess atturi;

L-atturi jkomplu jippremettu li l-konvenut Leif Benettsson fl-ahhar xhur tal-impieg tieghu u bil-mohbi, ta’ kuntratti ghall-esportazzjoni ta’ ‘air-conditioners’ bi prezz hafna inqas minn dak awtorizzat mis-socjeta attrici United A C Ltd. u b’hekk ikkawza danni konsiderevoli lill-istess socjeta. Ghalhekk l-atturi qed jitolbu li jigi dikjarat li l-konvenuti kkawzaw l-imsemmija danni kollha u qed jitolbu li jigu likwidati dawn l-istess danni. Konsegwentement qed jitolbu li –konvenuti jigu kundannati jhallsu d-danni hekk likwidati;

Il-konvenuti kuraturi deputati ttantaw jikkomunimaw mal-konvenuti assenti f’indirizzi barra minn Malta pero’ minnghajr esitu posittiv;

Jirrizulta sufficjentement ippruvat li l-konveuut Leif Benettson kien impjegat mas-s-socjetajiet attrici. Fiz-zmien li huwa kien hekk impjegat l-istess konvenut kien jabita mal-konventa l-ohra Petra Jurgens go appartament ammobiljat gewwa Birzebbugia liema appartament hu proprjeta tas-socjeta attrici Blye Enineering Co. Ltd;

.
Bazikament l-atturi ghandhom tlett pretensjonijiet;

Fl-ewwel lok is-socjeta attrici Blye Engineering Co. Ltd. tippretendi li meta l-konvenuti telqu mill-imsemmi appartament l-istess konveuti hallewh vojt. L-ghamara u l-“appliances” godda li kien hemm fl-istess appartament ma nstabux. Mill-kumpless tal-provi prodotti dawn il-pretensjonijiet jirrizultw sufficjentement pruvati. Jirrizulta ukoll li l-ghamara in kwestjoni kienet tiswa elf u hames mitt liri maltin (lm1500), filwaqt li l-appliances gew kalkolati li jiswew hames mitt liri maltin (Lm500). Dawn l-ammonti jirrizultaw li hma ragjonevoli u ghalhekk din it-talba ghandha tigi akkolta;

Fit-tieni lok l-atturi kollha jippretendu li l-konvenuta Petra Jurgens tathom malafama u b’hekk ikkawzatilhom danni konsiderevoli. Fl-afidavit tieghu l-attur Raymond Mallia, li hu ukoll direttur tas-socjetajiet atturi, kkonferma li l-konvenuta kienet tghaddi kummenti ta’ tmaqdir fuq il-prodotti tas-socjetajiet atturi u fuqu personalment. L-istess attur pero’ ma specifikax f’xix kienu jikonsistu dawn il-kummenti. Hu ghalhekk mpossibli li jigi valutat jekk dawn il-kummenti jammontawx ghal malafama jew le. F’dawn ic-cirkostanzi dawn it-talbiet kontra l-konvenuta waheda ma jistghux jigu akkolti;

Fit-tielet lok is-socjeta attrici United A.C. Ltd tippretendi li fl-ahhar xhur tal-impieg tieghu maghha, l-konvenut, Leif Benettsson, bil-mohbi, ta’ kuntratti ghall-esportazzjoni ta’ ‘air-conditioners’ bi prezz hafna inqas minn dak awtorizzat mill-istess socjeta attrici u b’hekk ikkawza danni lill-istess

socjeta. L-istess attur Raymond Mallia fl-affidavit tieghu kkonferma li l-prezzijiet ghall-bejgh tal-air-conditioners kienu jigu ffissati mis-socjeta attrici in kwestjoni fil-bidu tal-istagun wara ftehim mas-socjeta estera li kienet tissuplixxi l-istess air-conditioners. Huwa kkonferma li l-konvenut Leif Benettson, ad insaputa ta' kullhadd kein biegh l-air-conditoners bi prezzijiet inqas minn dawk stabbliti. Mill-kumpless tal-provi prodotti dawn il-pretensjonijiet jirrizultaw sufficjentement pruvati. Is-socjeta attrici in kwestjoni ivvalutat dawn id-danni fis-somma ta' tlett elef hames mija u tlieta u sebghin liri maltin (Lm3573). Fic-cirkostanzi kollha specjali tal-kaz u a bazi tar-risultanzi dan l-ammonrt jirrizulta ragjonevoli u gustifikat;

L-imsemmi attur fl-istess affidavit jghamel referenza ghal hsarat allegatament kawzati mill-konvenuti f'karozza proprjeta ta' wahda mis-socjetajiet attrici u jghalmel referenza ukoll ghal valur ta' xi esamijiet li saru ghar-rigward ta' xi air-conditioners. La l-kaozza u lanqas dawn l-esamijiet ma jissemmew fic-citazzjoni u lanqas ma hemm talba relattiva ghal dawn il-pretensjonijiet. Ghalhekk dawn l-istess pretensjonijiet mhux ser jnghataw aktar konsiderazzjoni;

Ghal dawn ir-ragunijiet :

Tiddecidi dwar it-talbiet attrici billi tilqa l-istess talbiet pero' limitatament u dan billi tiddikjara li l-konvenuti ma kelhom ebda dritt li ppussessaw ruhhom u ddisponew mill-ghamara u l-'appliances' li kienu gol-appartament Flat 11, Blue Sky Flats, Triq Mikiel Abela, Birzebbugia u li ghalhekk huma responsabbli ghad-danni kollha relattivi li sofriet is-socjeta attrici Blye Engineeting Co Ltd. liema danni qed jigi likwidati fis-somma komplessiva ta' elfejn liri maltin (Lm2000) u tikkundanna l-konvenuti jhallsu lis-

socjeta attrici Blye Engeneering Co. Ltd. l-ammont ta' elfejn liri maltin (Lm2000) in linea ta' danni u tiddikjara li l-konvenut Leif Benettsson ma kellu ebda dritt li, bil-mohbi u kontra dak li gie deciz mis-socjeta United AC Ltd., jaghti kuntratti ghall-esportazzjoni ta' air-conditioners bi prezz hafna inqas minn dak stabilit mill-istess socjeta u li ghalhekk l-istess konvenut hu responsabbli ghand-danni konsegwenzjali u tillikwida dawn id-danni fis-somma ta' tlett elef hams mija u tlieta u sebghin liri maltin (Lm3573) u tikkundanna lill-istess konvenut Leif Benettsson ihallas lis-socjeta attrici United AC Ltd. l-imsemmija somma ta' Lm3573 in linea ta danni;

Bl-imghaxxijiet kollha mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-effettiv pagament;

Tichad it-talbiet l-ohra kollha tal-atturi;

Speljjez kollha jithallsu kwantu ghall-tlett kwarti (3/4) mill-konvenuti u kwantu ghal kwart (1/4) mill-atturi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------